Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SBATAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 24 t'April 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.00pm | Sa | 6.40pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE **SKUŻAT** |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | Sinjorina | YANICA CALLEJA |

Is-Sur Stefan Cordina talab sospensjoni tal-laqgħa sabiex tintqal talba għal Dr Herbert Messina Ferrante li kien qed jigi rikoverat l-isptar fil-Ġermanja.

Is-Sur Cordina talab sabiex jinqaleb l-order tal-Agenda u jmorru ghall-item numru 3. Din it-talba ġiet milqugħa. Minuti ġew approvati bla korrezzjonijiet.

B'kontinwazzjoni ma' dan is-Sur Remigio Bartolo talab biex jekk dejjem ikun possibbli, meta l-laqgħa tal-Kunsill tkun ser issir l-Erbgħa, issir fil-5pm minflok fis-6pm. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

Is-Sur John P Bonnici daħal f'dan il-mument (5.05pm).

1. ***UPDATE ELANCOURT TWINNING PROJECT***

Is-Sur Remigio Bartolo qal li l-proposti kollha li għamel il-Kunsill ġew aċċettati u kkonferma li l-proġett tal-gemellagg ser isir. Is-Sur Bartolo kompla jgħid li f'Marzu tal-2014 ser ikun hemm l-elezzjonijiet f'Elancourt għalhekk l-arranġamenti kollha biex jiġi finalizzat il-gemellagg iridu jsiru wara. Hu qal li sadanittant zewg persuni mill-Kumitat li jieħu ħsieb progett ta' gemellagg min-naħa tagħhom ser ikunu qed iżuru Malta bejn id-29 u l-31 ta' Mejju 2013. Is-Sur Bartolo ippropona li minħabba li fi Franza l-akkomodazzjoni tkun ferm għola minn dik t'hawn Malta, ikun jaqbel lill-Kunsill li jħallas l-akkomodazzjoni liż-żewġ individwi biex b'hekk meta d-delegazzjoni tal-Kunsill tkun ser iżżur Elancourt, tiġi mħallsa l-akkomodazzjoni tad-delegazzjoni tal-Kunsill taghna min-naħa tagħhom.

Is-Sur Cordina qal li hu prova jġib stima mill-Cavallieri Hotel iżda għal dak iż-żmien il-lukanda hi mimlija. Is-Sur Cordina qal li staqsa lis-Sur John P Bonnici wkoll biex iġib stima. Is-Sur Bonnici qal li hu staqsa lil La Rocca Hotel iżda ser tkun mimlija wkoll. Is-Sur Bartolo qal li nistgħu niċċekkjaw ukoll il-Castille Hotel. Is-Sur Bartolo qal li mhux għolja bħala lukanda. Is-Sur Cordina talab lis-Sur Bartolo biex iġib stima u sadanittant jiġi ċċekkjat kemm hemm fondi allokati għall-gemellagg fil-*budget* ghal din is-sena mas-Sinjura Marica Mifsud.

Is-Sur Bartolo qal li hu ġie mitlub minn dan il-Kumitat sabiex fil-programm ikun hemm laqgħa mas-Sindku u l-Kunsilliera, laqgħa mas-Surmast, laqgħa oħra mal-klabbs tal-i*sports,* filwaqt li ssir zjara lill-Alka Ceramics. Is-Sur Bartolo kompla jgħid li għamel arranġamenti wkoll sabiex issir żjara fil-Palazz ta' San Anton. Hu qal li diġa' kellem lill-individwi konċernati sabiex isiru dawn il-laqgħat mitluba. Is-Sur Cordina qal li l-aħjar isir programm. Is-Sur Remigio Bartolo qabel u ppropona li jiġi ffurmat sotto-kumitat sabiex ikun jista' jsir il-programm. Kulħadd qabel.

**2. *UPDATE* TA' *BYE-LAW***

Is-Sur Remigio Bartolo qal li kien għaddej minn ħdejn Ġnien l-Istazzjon meta nnota li kien hemm *party* tat-tfal għaddej. X'ħin mar jiċċekkja, min kien preżenti qallu li l-Ġnien kien inkera għal dik il-ġurnata. Is-Sur Bartolo qal li ċċekkja mal-Kunsill biex jara x'kienet il-proċedura u ġie spjegat li l-Ġnien kien qed jinkera għal €100 u li hemm Bye-Law rigward l-użu tal-art pubblika. Hu kompla jgħid li meta ġiet iċċekkjata din il-Bye-Law ma kien hemm l-ebda parti li tgħid li dan il-ġnien jista' jinkera għal xi ħaġa privata, iżda hu possibbli li jinkera biss għal *social activities*. Hu qal ukoll li biex dan isir trid timtela applikazzjoni, jkun hemm persuna awtorizzata mill-Kunsill sabiex tieħu ħsieb il-post u insurance għat-third party liabilities.  Is-Sur Bartolo qal li l-ammont dovut skond kif stipulat fil-Bye-Law ma jistax jaqbeż is-€69.88 u li jekk il-Kunsill jixtieq iżomm l-ammont preżenti, din il-Bye-Law għandha tinbidel. Wara diskussjoni fit-tul ġie miftiehem li jiġu ċċekkjati sew il-proċeduri u jekk party privat għandux jiġi kkunsidrat bħala attivita' soċjali jew kummerċjali. Is-Sur Marco Spiteri ssuġġerixxa li tintalab kopja tal-bye-law simili mill-Kunsilli Lokali tal-Isla u l-Kalkara. Is-Sur Remigio Bartolo qal li ser jiċċekkja dwarhom hu stess u jipproċedu minn hemm biex il-Kunsill ikun *covered*.

Is-Sur Gerald Borg dahal f'dan il-mument (5.15pm).

**3. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Għalkemm dan l-item diġa' ġie diskuss, is-Sur Gerald Borg talab sabiex issir korrezzjoni fil-Minuti. Il-korrezzjoni tikkonsisti f'punti mqajjma minn Dr Herbert Messina Ferrante fejn talab rapport/survey ta' kemm jgħaddu karozzi minn Triq in-Nutar Zarb u fejn is-Sur Gerald Borg qabel ma' din il-proposta.

**4. PREŻENTAZZJONI TA' *AUDITED FINANCIAL STATEMENTS***

Is-Sur Stefan Cordina spjega li dawn huma l-istess Financial Statements li kienu ġew approvati qabel bid-differenza li issa għaddew minn taħt idejn l-awditur. Dawn ġew approvati.

**5. KORRISPONDENZA**

🗁 E-mail mingħand is-Sinj. Rebecca Cachia Fearne, Primary Health Care, rigward Health Educational Talks. Is-Sinjorina Yanica Calleja qalet li dawn qed jitolbu sabiex isiru talks min-naħa tal-Primary Health Care. Is-Sur Cordina elenka l-lista tal-korsijiet imniżżla. Hi ssuġġeriet li ngħidu lil grupp tas-60+. Is-Sur Marco Spiteri staqsa jekk nistgħux inkelmu lill-Kappillan min-naħa tal-Parroċċa u jiġu organizzati fis-sala taċ-Ċentru. Is-Sur Stefan Cordina qal li nistgħu ningħaqdu mal-Parroċċa u jiġu organizzati b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Parroċċa. Is-Sur Remigio Bartolo staqsa jekk dawn il-korsijiet jistgħux isiru ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill. Iżda kulħadd qabel li bħala post il-Kunsill huwa ftit żgħir. Is-Sur Bartolo semma wkoll l-iskola. Is-Sur Cordina qal li l-aħjar l-ewwel jaraw x'konkorrenza ser ikun hemm mbagħad isibu post. Hu kompla jgħid li l-Kumitat tal-każin La Stella Levantina offrewlu li meta jkun hemm bżonn tintuża xi sala tal-każin din tintuza senza nteressi. Is-Sur Marco Spiteri qal li jekk nagħmlu l-korsijiet fl-istess żmien li tiġi ppublikata r-rivista tal-Kunsill, inkunu nistgħu nirreklamaw fiha stess u l-konkorrenza tan-nies kapaċi tkun akbar. Is-Sur Remigio Bartolo issuġġerixxa li tintbagħat flyer sabiex min ikun interessat iċempel il-Kunsill. Is-Sur Stefan Cordina qal li nistgħu nagħmlu dak l-avviż flimkien

ma’ xi avviż ieħor bħal per eżempju l-iskeda tal-iskart u bħala pubblikazzjoni jista’ jsir il-Kunsill bil-photocopier. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-pubblikazzjoni tiġi irħas minn meta tagħmel photocopies. Hu ssuġġerixxa li ssir ġurnata oħra ta’ ġbir ta’ tessuti u nirriklamaw lilha wkoll. Is-Sur Marco Spiteri kompla jgħid li nistgħu nagħmlu din il-flyer forma ta’ skeda fejn jiġu elenkati l-attivitajiet li jkunu ser isiru li jkollhom x’jaqsmu mal-ambjent. Kulħadd qabel li s-Sur Ralph Cassar għandu jieħu ħsieb jagħmel l-arranġamenti ma’ Refab Malta u fl-istess ħin tibda ssir il-lista t’affarijiet li jridu jiġu rreklamati.
🗁 Email mingħand RC Malta f’isem id-Dogs Trust fejn intalab spazzju fir-rivista għall-artiklu. Is-Sur Stefan Cordina qal li jistgħu jitniżżlu mal-lista ta’ għaqdiet li jagħmlu l-artikli fir-rivista bħall-Għaqda tal-Armar. Kulħadd qabel.

## 6. SKEDA TA’ PAGAMENTI

Is-Sur Gerald Borg ġibed l-attenzjoni li ma kellux kopja tal-iskeda. Is-Sur Stefan Cordina spjega x’kien imniżżel f’din l-iskeda. Is-Sur Ralph Cassar staqsa kemm kienet l-ispiża tal-madum. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-ispiża kienet ta’ €1080 u bħala xogħolijiet manwali saru kollha mill-ħaddiema tal-IPSL. Hu kompla jispjega li bħala tqegħid tal-madum kien ser jitqabbad xi ħadd mill-ETC fuq skema iżda fl-aħħar ġurnata dan preżenta ċertifikat u ma ġiex. Is-Sur Cordina spjega li dawn il-latrini ilhom magħluqa u ma jistax ikun li jgħaddi aktar żmien biex jitlestew. Kulħadd qabel u l-pagamenti ġew approvati.

## 7. PUNTI MQAJMA

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Tiġi ordnata parking sign ħdejn il-lotto office. Is-Sur Stefan Cordina kkonferma li din it-tabella ġiet ordnata.
- Talab informazzjoni dwar fiex wasal il-proċess għal bini ġdid għall-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-ufficcini tal-HSBC fihom problema relatata ma’ xi permessi. Hu kompla jgħid li mar jara xi djar oħra fosthom id-dar ta’ Mrs Dingli. Is-Sur Cordina qal li qed jistenna prezz mingħand is-sidien minħabba li riedu jistennew li l-budget jiġi approvat min-naħa tal-Gvern għax xtaqu jaraw kif ser tkun il-liġi tas-suċċessjoni qabel ma jistabilixxu prezz. Hu kompla jgħid li mar jara dar oħra fi Triq P.P. Rubens, is-somma inizzjali kienet ta’ €900,000 iżda s-sid qallu li lest li jinżel sas-somma ta’ €800,000 u fil-fehma tiegħu kellha prezz għoli żżejjed. Is-Sur Cordina qal li kien hemm dar oħra wkoll ħdejn il-BOV fi Triq il-Mosta iżda din ġiet mibjugħa. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa li sadanittant jiġi avżat il-Perit sabiex terga’ tinhareg mill-gdid it-*tender* tal-ufficcini forsi b’inqas kumplikazzjonijiet sabiex tkun fil-budget tal-Kunsill. Is-Sur Gerald Borg qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-Ministeru konċernat sabiex l-għassa tal-Pulizija tiġi mgħoddija lill-Kunsill u l-Pulizija jiġu provduti vann kbir u jaħdmu minn ġo fih. Is-Sur Ralph Cassar qal li ma jaqbilx għax fil-fehma tiegħu il-Kunsill għandu bżonn bini ġdid u ikbar. Is-Sur Stefan Cordina qal li kieku l-għassa tal-Pulizija tingħata lill-Kunsill, isfel isir front office u jkun hemm post għal klinika wkoll. Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiż li l-Kunsill ikompli bil-proċess tat-tender, jiġi deċiż budget u jitniżżlu l-minimum requirements.
- Jitranġaw xi ħofor fi Triq id-Dorga.

Is-Sur John P Bonnici ħalla l-kamra (5.30pm).

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Isir survey ġdid fi Triq in-Nutar Zarb u l-akwata biex jaraw kemm qed jgħaddu karozzi. Dan is-survey irid isir fuq aktar siegħat bħal per eżempju mis-7am sas-7pm. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-Kunsill jista’ jipproponi lil Transport

Malta kif nixtiequ li jsir is-survey imma d-deċiżjoni finali ta' kif isir is-survey tkun tat-Transport Malta. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa li minflok ngħidu mis-7am sas-7pm, jiġi mitlub time frame ta' per eżempju mis-7am sad-9am u mill-4pm sas-7pm.

- Tintbagħat ittra lis-Sinj. Claire Pisani sabiex tiżbor is-siġar ta' ġol-parapett tagħha. Is-Sur Stefan Cordina qal li kull min jagħmel dawn it-tip ta' proposti għandu jiffirma l-ittra hu personali u jkun hu responsabbli. Is-Sur Marco Spiteri u s-Sur Ralph Cassar qalu li preferibbilment ma jiġux impustati ittri jekk ma jkunux għaddew Kunsill. Is-Sur Gerald Borg spjega li hemm template ta' ittra u dejjem tintbagħat l-istess waħda. Is-Sur Marco Spiteri qal li l-aħjar l-ewwel jiġu kkuntatjati bit-telefon mbagħad jintbagħatu ittri uffiċċjali.

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Jixtieq li l-Kunsill jara x'jista' jsir rigward in-noise pollution aktar u aktar issa li ġej is-Sajf. Hu kompla jgħid li meta il-petizzjoni ntbagħatet fid-djar, kien diffiċli li wieħed jinduna biha minħabba li kien hemm reklam printjat fuq wara. Is-Sur Spiteri qal li fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill hemm diskussjoni sħiħa. Is-Sur Stefan Cordina qal li hu kellu laqgħa mal-Kummissarju John Rizzo. Is-Sur Ralph Cassar qal li hemm bżonn terġa' ssir ittra lill-Pulizija. Is-Sur Remigio Bartolo ssuġġerixxa li għandha ssir laqgħa mal-Kummissarju l-ġdid. Kulħadd qabel.
- Staqsa rigward il-parking bays fi Triq is-Sagħtrija. Is-Sur Stefan Cordina spjega li meta kien hemm l-MC Bay saru rapporti lill-Pulizija minn residenti stess u ngħataw ħafna ċitazzjonijiet. Is-Sur Cordina kompla jispjega fit-tul x'kienet is-sitwazzjoni u ġie deċiż li ssir parking bay b'qies standard li tkun tista' tiġi pparkjata karozza. Is-Sur Gerald Borg qal li l-Kunsill għandu jobbliga lil kull min għandu garaxx sabiex idaħħal il-karozza tiegħu u mhux titħalla pparkjata fit-triq. Is-Sur Marco Spiteri qal li mhux kullħadd għandu garaxx u mhux kulħadd għandu spazju biżżejjed biex idaħħal kull karozza li jkollu.
- Staqsa kif il-Kunsill jista' jkompli jagħmel pressjoni u juri sapport mar-residenti tal-akwata fejn hemm pjanat li jinbena ċimiterju. Is-Sur Stefan Cordina qal li għad m'hemm l-ebda permess u li fl-2001 diġa' kien hemm applikazzjoni oħra iżda ġiet rifjutata mill-MEPA. Is-Sur Marco Spiteri qal li l-Kunsill kien ħareġ ittra li jaqbel mal-proġett. Is-Sur Stefan Cordina qal li fuq l-ittra m'hemmx miktub li l-Kunsill qed joġġezzjona iżda ma kienx hemm dettalji magħrufa bħal ma hemm preżentament. Kulħadd qabel li għandha ssir Konferenza Stampa hekk kif niġu nfurmati mill-MEPA li ser ikun hemm l-ewwel seduta tal-Bord.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Staqsa min hu responsabbli mid-dawl ta' madwar il-Knisja. Is-Sur Ralph Cassar u s-Sur Remigio Bartolo qalu li l-Kunsill jgħin lil Parroċċa u l-Parroċċa tgħin lil Kunsill. Is-Sur Stefan Cordina qal li għandhom jiġu provduti stimi u jekk m'hemmx spejjeż kbar il-bozoz jinbidlu mill-Kunsill.
- Issir il-bankina fi Triq Ħaż Żebbuġ ħdejn il-Beldiam
- Jiġi rranġat il-Bus Shelter fi Triq in-Nutar Zarb
- Issir bozza ħdejn il-banka tal-lottu fi Triq iż-Żagħfran

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Xtaq jiġbed l-attenzjoni li s-self mill-librerija żdied.
- Staqsa rigward it-tneħħija tal-Bring-in banks minn Triq Tumas Chetcuti. Is-Sur Stefan Cordina qal li kien qed ikun hemm problemi kbar. Is-Sur Marco Spiteri qal li kienu qed jiġu nies minn barra r-raħal u jitfgħu ħafna skart li mhux riċiklabbli ħdejn dawn il-bins, anki annimali mejta. Is-Sur Gerald Borg issuġġerixxa li jitpoġġew cameras. Is-Sur Ralph Cassar qal li għalxejn jitpoġġew cameras minħabba li n-nies ikun diffiċli biex tara l-wiċċ ċar. Is-Sur

Stefan Cordina qabel mas-Sur Cassar u kompla jgħid li ġara l-istess ħaġa meta ntalab footage ta' filmat wara li nħarqu l-bring in banks ta' Triq il-Mosta.

- Ġibed l-attenzjoni rigward siġar li nżabru għalxejn fl-area tal-Housing Estate. Is-Sur Cassar qal li żbir tas-siġar għandu jsir jekk hemm bżonn biss avolja fit-tender ikun hemm miktub kull sena. Is-Sur Marco Spiteri qal li mportanti li ma jitqaċċtux u jinżabru kif suppost. Kulħadd qabel li meta jkun ser isir xi żbir għandhom jiġu nfurmati.
- Ma jaqbilx li jitneħħew siġar u dana għax xi residenti ma jkunux iridu siġar fil-viċinanzi tar-residenza tagħhom.
- Jibqgħu jiġu organizzati laqgħat bil-kollaborazzjoni tal-grupp 'Għal Ambjent aħjar' bħal ma diġa' ġew organizzati. Is-Sur Raymond Azzopardi qal li jkun hemm attendenza tajba għalihom. Kulħadd qabel.
- Talab sabiex tiġi mkejla l-Ġardina Frans Dingli
- Ippropona li ssir xi tip ta' esebizzjoni waqt il-festa tar-raħal
- Tabelli taz-zebra crossing li qegħdin bl-LEDs mhux jaħdmu. Is-Sur Stefan Cordina qal li tkellem ma' min jieħu ħsieb u qed issir il-manutenzjoni.
- Latrini ta' Misraħ Kola qed jibqgħu miftuħin
- Talab *update* rigward Triq Xatbet l-Art. Is-Sur Stefan Cordina spjega li kien hemm xi fondi li riedu jiġu approvati u mbagħad jitkompla x-xogħol.
- Talab *update* rigward il-proġett tal-barriera. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-applikazzjoni saret. Hu kompla jgħid li kellu laqgħa fl-uffiċċju tal-Ombudsman u kien hemm preżenti l-Imħallef Robert Mangion fejn spjegalu x'kienet is-sitwazzjoni. Is-Sur Ralph Cassar qal li mportanti li l-Kunsill jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu meta jkun il-waqt. Is-Sur Raymond Azzopardi qal li jekk m'hemmx dannu għas-saħħa hu jaqbel mal-proġett.
- Staqsa rigward id-dawl ta' Ġnien Ħal Warda. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-proċess miexi u l-applikazzjoni waslet l-Enemalta. Hu kompla jgħid ukoll li l-*equipment* ta' Ġnien l-Istazzjon dalwaqt jasal.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Tkun aktar aġġornata l-*website* tal-Kunsill Lokali
- Niġbdu l-attenzjoni tal-MEPA biex ikun hemm aktar sorveljanza u kontroll fuq il-bini l-ġdid, eż biex isir bir fil-bini li jkun tiela' u wkoll biex innaqqsu ilmenti li jressqulna certu residenti bħal meta jidhlilhom l-ilma f'darhom
- Isir stħarriġ dwar il-volum tal-karozzi u l-kwalita' tal-arja fit-triqat prinċipali ta' Ħ'Attard
- Inressqu l-ilment lit-Transport Pubbliku dwar il-periklu tal-karozzi wisq goffi tal-linja, eż jaqbżu l-linji l-bojod ta' nofs it-triqat, speċjalment fid-dawrien
- Li hemm bzonn li terga' tinġibed l-attenzjoni biex nibżgħu għall-kampanja u s-siġar f'Ħ'Attard. Eż Jitrażżnu u jigu ndirizzati l-istupru tas-siġar bħal ma jinsab għaddej fit-triq ċentrali ta' Ħ'Attard qrib iċ-ċimiterju.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Staqsa jekk is-Sur Joe Gauci xtarax l-apparat għal knis. Is-Sur Gerald Borg ikkonferma li dan l-apparat beda jintuża.
- Talab informazzjoni dwar l-impjieg tas-Sur George Borg. Is-Sinjorina Yanica Calleja spjegat li għad trid tasal il-konferma min-naħa tal-Ministeru.
- Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li mhux isib koperazzjoni min-naħa taż-żgħażagħ sabiex isir il-proġett tad-DVD fuq ir-raħal ta' Ħ'Attard. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa li jiġu kkuntatjati persuni konċernati mill-MCAST sabiex jiġi ċċekkjat jekk hemmx żgħażagħ minn Ħ'Attard.
- Informa lil kulħadd li għal Jum Ħ'Attard ħa jkun diffiċli ħafna li jattendi s-Sur Joseph Calleja. Għaldaqstant issuġġerixxa li jiġi nominat xi ħadd ieħor għal din is-sena. Hu kompla jgħid li jeħtieġ jiġi ffurmat sotto-kumtat u jibdew isiru laqgħat dedikati għal Jum Ħ'Attard. Kulħadd qabel li din is-serata għandha

ssir fis-6 ta' Settembru 2013 u jkun hemm ħin għal preżentazzjoni tas-Sur Marco Cremona

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Informa lil kulħadd li ġie avviċinat minn xi persuni sabiex jiġi ffurmat kumitat fuq over development biex b'hekk isir rapport pulit u jiġi preżentat.

Qabel ma' ġiet aġġornata l-laqgħa, is-Sur Stefan Cordina feraħ lis-Sur Alfred Żammit għal għeluq il-50 sena anniversarju miż-żwieġ tiegħu.

**8. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.40pm għat-Tnejn, 27 ta' Mejju 2013 fil-5.00pm.

________________________ Sindku

____________________ Data